San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 32 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**it-Tnejn 26 ta' Awissu 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Peter Abela | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| John Bray | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Oliver Mallia | Kunsillier |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| | |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
Daniel Grima

Il-Laqgha b'urgenza bdiet fil-1730.

Is-Sindku beda biex irringrazzja lill Kunsilliera li gew ghal-laqgha li ssejhet b'urgenza biex jiddiskuti t-tlitt punti li ntbghatu fl-agenda.

Erba' Mwiezeb.
Is-Sindku spjega li bix-xoghol li sar fl-inhawi maghrufa ta' Erba' Mwiezeb gie gwaddanjat ammont sostanzjali ta' parkegg, liema parkegg jintuza kemm mir-residenti kif ukoll mill-istabbilimenti fil-qrib. Billi din is-sistema li jintuzaw splayed parking irnexxiet, qed naraw nistghux insibu postijiet ohra fejn inkunu nistghu nuzaw l-istess sistema. Is-Sindku kompla jghid li minkejja li saru diversi mistoqsijiet min Net News fuq jekk hemm'x permessi minn TM u MEPA u gie mgharraf li s-segretarju kien imsiefer, huma xorta hargu stqarrija li ma' kienx hemm permessi necessarji. Intant f'din il-laqgha qed jinghataw il-karti kollha flimkien mall-korrispondenza ghall-mistoqsijiet li saru. Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li mhux veru li kien gie allegat fejn intqal li tnehhew xi sigar biex isir il-progett. Dan ghaliex l-unika sigra li waqghet waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet, regghet thawlet fejn il-*fire station* tax-Xemxija.  Tqassmet kopja tal-korrispondenza mat-TM u l-entitajiet koncernati lill Kunsilliera kollha.

Hawnhekk qamet diskussjoni daqxejnx imqanqla u ghaldaqstant il-laqgha twaqqfet ghall-5 minuti.  Il-laqgha kompliet fis-1805 biex jigi diskuss it-tieni suggett fl-agenda.

**Tender -*Council Supervisor.***
Il-Kunsillier Jason Camilleri iddikjara li peress li ser tigi diskussa din it-tender huwa ser johrog mill kamra minhabba li jkollu konflitt ta' interess. Is-Sindku kompla jghid minn kienu l-bord tal-aggudikazzjoni u spjega kif saret l-ghazla tal-aggudikazzjoni, li permezz ta' mistoqsijiet il-bord wasal biex jirrakkomanda lis-Sur Jason Camilleri biex jiehu din it-tender. Is-Sindku Mario Salerno kompla jispjega li ghalkem din hija r-rakkommandazzjoni tal-bord tal-ghazla li kien iffurmat min nies li jirraprezentaw liz-zewg partiti, xorta wahda trid tittiehed decizjoni fuq il-mejda tal-Kunsill.
Is-segretarju Ezekuttiv, is-Sindku, Raymond Tabone flimkien ma' Peter Abela gibdu l-attenzjoni li Jason Camilleri ghadu Kunsillier, minkejja dan id-decizjoni tal-bord tal-ghazla riedet titressaq ghall-vot. Favur kien hemm sitta, Mario Salerno, Alex Bezzina, Oliver Mallia, Jane Chircop u Raymond Tabone u astjenew hamsa, John Bray, Peter Abela, Robert Piscopo, Anne Fenech u Graziella Galea.
Il-Kunsillier Jason Camilleri qam u resaq mall-mejda fejn irringrazzja lill kulhadd. Ingibdet l-attenzjoni li Jason Camilleri ghandu konflitt ta' interess, kemm mis-segretarju, mis-sindku kif ukoll minn Peter Abela. Minkejja dan is-Sur Jason Camilleri ghamel dikjarazzjoni li kif appena jinghata t-tender huwa jirrezenja mill-kariga ta' Kunsillier. Hawnhekk gie spjegat li biex tinghata tender irid jghhaddi z-zmien tal-appelli u ser tintalab ruling mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**Hlas lil Road Servicing Ltd. – Triq Gulju**
Wara li tressaq ghall-approvazzjoni l-hlas lill Road Servicing Ltd tax-xoghol ta' kostruzzjoni li kien sar ta' Triq Gulju u parti minn triq Jean la Cassiere, Peter Abela talab

biex jintwera l-kont iffirmat mill perit tal-Kunsill fejn huwa jiccertifika li x-xoghol sar skond is-sena biex ikun jista' jithallas. Is-segretarju Ezekuttiv mar u gab biex jipprezenta l-istess kont bil-firma u certification tal-perit tal-Kunsill fejn juri li x-xoghol sar kif titlob is-sena u ghaldaqstant jista' jithallas. Il-kont kien approvat biex jithallas unanimament.

Billi l-agenda kienet ezawrita, l-laqgha spiccat fis-6.35pm. Qabel ma' hargu mil-laqgha l-kunsilliera, s-Sindku Mario Salerno talab lill dawk kollha prezenti biex nhar it-Tlieta,3 ta' Settembru jattendu ghal-laqgha flimkien mall-avukat tal-Kunsill halli tibda d-diskussjoni fuq il-Bye Laws li l-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar ser ikun qighed iressaq aktar il-quddiem. .

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.